# RICCARDA BORG FERNANDEZ

*Ta'* ANTON AGIUS MUSCAT

L-isem ta' Riccarda Borg Fernandez issa mhux ġdid għall-qarrejja ta' IL-MALTI. Fl-1965 fi IL-MALTI pp 104-112 kienu dehru kelmtejn ġmielhom tiegħi dwarha, kif ukoll fil-gazzetta ta' nhar ta' Ħadd, IT-TORĊA, fil-Paġna Letterarja, tat-30 ta' Jannar 1966, kont ktibt kelmtejn dwarha, barra li għażilt żewġ poeżiji qsar kif ukoll ritratt tagħha.



Is-Sinjura Riccarda llum daħlet fid-Disgħin. Is-snin gerbu u għaddew minn dak il-jum li fih twieldet tarbija li semmewha Riccarda lil Pio Bonnici u Emmanuela mwielda Fernandez. Fl-1912 iżżewġet mal-Prokuratur Legali Giuseppe Borg Pantalleresco, illi kemm fi IL-MALTI, kif ukoll f'kotba dehru poeżiji u kitbiet oħra letterarji tiegħu.

Is-Sinjura Riccarda Borg Fernandez hi Mieħba fil-Għaqda Letterarja Maltija, u dil-għaqda ħasset li jkun xieraq turi l-ferħ tagħha għal dal-għomor sabiħ tagħha. Kif għarrafni l-ħabib tagħna u Membru Akkademiku s-Sur Ġorġ Stevens, il-Għaqda Letterarja Maltija waqqfet Kummissjoni magħmula mis-sinjuri Kelinu Cachia u John Sciberras, barra minnu, sabiex iħejju festin. Dal-festin għamluh fl-Istitut Kattoliku, il-Furjana, nhar it-12 ta' April 1967. Wara li l-President tal-Għ.L.M. għamel Kelmtejn, hu ippreżenta lis-sinjura Riccarda rigal, kif ukoll it-tifla tas-Sur J.C. Friggieri, il-President tal-Għ.L.M., tatha bukkett ward. Is-sinjuri J. Sciberras u G. Stevens qraw poeżiji tas-sinjura Riccarda. Is-Sinjura Emma Grech Cremona raddet ħajr f'isem il-Mistiedna. L-imseħbin ħbieb daru magħha, xtaqulha r-riżq u tkattir il-għomor.

Waqt li nagħtuha x-Xewqat Sbieħ, naħseb xieraq li minn dik id-damma poeżiji li ġbart u qrajt fil-programm IL-ĠABRA LETTERARJA, li jinstama' darba fil-ġimgħa minn fuq *Ir-Rediffusion*, nagħżel waħda llum li naf hi għal qalb is-sinjura Riccarda Borg Fernandez, u li jisimha: Il-Fjur Tiegħi.



## IL-FJUR TIEGĦI

*Ta'* RICCARDA BORG FERNANDEZ

F'rokna mwarrba tal-ġnien tiegħi  
Dal-għodu fetaħli fjur.  
Nibet waħdu, f'rokna mwarrba,  
Il-fjur jismu tad-Dulur!

Kemm iniggeż ix-xewk tiegħu!  
Żgur bid-demm jaħsel idejh,  
Min jiftillu dal-fjur jaqta'.  
Għalhekk ħadd ma jersaq lejh.

Il-fwieħa tiegħu kemm togħġobni!  
Spiss inżuru bħal ħabib!  
Hu jagħtini qawwa ġdida:  
Biex niflaħ narfa' s-salib!

Jekk xewqat ta' ħbieb imbiegħda,  
Jaqsmu qalbi bid-dulur,  
Ninżel niġri fil-ġnien tiegħi,  
Parir nieħu minn dal-fjur!

Sabiex nimxi hu jħajjarni,  
Fit-triq tajba tal-virtù!  
U biex naqtgħu spiss jitlobni,  
U npoġġih f'riġlejn Ġesù!

O Ġesù, Sultan ta' qalbi,  
Hu dal-fjur tad-dmugħ u s-sabar!  
Xi ħabib, forsi jpoġġili,  
Wieħed bħalu fuq il-qabar!

---

*FRAK*

## IL-ĠENJU

Pittura, drammi, opri u poeżija:  
fuq kollox igħid li jaf is-sur Ċensin;  
għalhekk iħarbex — minn għalih li ġenju —  
xi dramm li tajjeb biss għal teatrin.

*Vic Apap*